# 21. Għanja lill-Provenż

Provenż, iben tax-xitwa wisq qalbieni,
inħobbok jien, għalkemm taħlita miegħek
iġġib ta' xita u ċirċ u bard u rwiefen
u ta' qawsalli.

Għax l-ilma li troxx int u n-nifs li tonfoħ
ikun ta' magħmudija u ta' tindifa
tas-siġar, tal-widien u tal-għelieqi,
tal-ħolqien kollu.

Ġorrhom il-bogħ'd dawk il-werqiet safrana,
bħal ħafna għasafar xjuħ li tilfu l-għanja
u l-ġmiel ta' rixhom, ħalli zkuk nadifa,
friegħi miżbura!

U mbagħad kif taħsel int u tiskot ġwejjed,
dlonk toħroġ tfajla ħelwa bil-kannestru,
twaħħal mal-friegħi u maż-żarġun nadifa
werqiet ħadrana,

Daqs il-ġawhar ħelwin li l-mewġ mar jinseġ
tul elfejn sena, twaħħal nwar u żahar,
donnhom ta' friefet bojod geġwiġija
fil-ġnien jittajru,

U ż-żiffa tasal bil-fwejħiet mgħobbija,
u kollox jegħreq ġewwa d-dawl u d-difa,
u jerġa' l-ferħ u jerġa' l-għana ħlejju
ma' kullimkien.

Inħobbok jien, Provenż, għalkemm ftit aħrax,
għax int qaddej quddiemi tas-Sbuħija
fis-saltna mżewqa ta' għoljiet u wileġ
ta' din l-art ħelwa.